MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Mandat Numru. 109/2012/1

**Joseph Attard u Vincent Agius bhala direttur u segretarju rispettivament tal-Istitut socjo-kulturali San Pawl**

**vs**

**Tarcisio Mifsud bhala segretarju ta' Ghaqda Kazin Banda San Filep A.D. 1851 kif ukoll l-istess Ghaqda Kazin Banda San Filep A.D. 1851 bhala entita' distinta u Catherine Sammut ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Joseph Attard u Vincent Agius bhala direttur u segretarju rispettivament tal-Istitut socjo-kulturali San Pawl, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jesegwixxu jew b'xi kwalunkwe mod jinterpretaw u/jew juzaw l-oratorju bl-isem "Iuxta Crucem Lacrimosa" li huwa

proprjeta’ taghhom wara li l-awtur ta’ dan l-oratorju, il-mibki Frans Sammut kien irregalah lill-istess rikorrenti u dan kif jidher mill-minuti tad-19 ta’ Awissu 2009, u b’mod partikolari fis-serata li ser tigi mtella’ mill-intimati fit-28 ta’ Jannar 2012 gewwa s-sede ta’ uhud mill-intimati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta ta’ Catherine Sammut li ddikjarat illi ghandha interess fil-mertu tal-pretensjonijiet li qeghdin jigu mressqa peress illi hija sid tad-drittijiet tal-awtur tax-xoghol ta’ zewgha Frans Sammut u bhala tali ghar-ragunijiet minnha moghtija sostniet li t-talbiet imressqa ghandhom jigu michuda.

Rat ir-risposta ta’ Tarcisio Mifsud bhala segretarju ta’ Ghaqda Kazin San Filep A.D. 1851 kif ukoll l-istess Ghaqda Kazin Banda San Filep A.D. 1851 bhala entita’ distinta li ukoll sostnew li t-talbiet ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet minnhom imfissra fl-istess risposta.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li l-istess gie mholli ghad-digriet.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 jipprovdi testwalment illi:

“*873. (1) L-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista’ tkun ta’ pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*”

Fil-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehma li dawn iz-zewg kundizzjonijiet ma jissussistux. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti kienu s-segwenti.

– L-Art. 24(4) tal-Kap. 415 li jipprovdi illi:

"*Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 52, ebda cessjoni ta' drittijiet tal-awtur jew ta' drittijiet vicini u ebda licenzja biex jintghamel att li l-ghemil tieghu huwa kkontrollat minn drittijiet tal-awtur jew minn drittijiet vicini ma jkollha effett jekk ma ssirx bi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet.*"

– Ghalkemm jirrizulta li l-awtur kien ta lill-Istitut rikorrenti l-awtorizazzjoni li jtellghu l-oratorju de quo u dan ghamlu minghajr ma ppretenda kumpens, ma jirrizultax illi huwa fil-fatt b'xi mod ceda d-drittijiet tieghu fl-intier taghhom.

– L-ewwel pagna tal-istess xoghol kif mizmuma mill-armla, eredi universali tal-awtur, turi car li, almenu originarjament meta beda l-kitba, Frans Sammut kien zamm inekwivokabilment kull dritt ta' awtur fuq ix-xoghol.

– Jirrizulta illi l-Ghaqda intimata m'ghandha ebda skop kummercjali ghas-serata ppjanata, u dan qed jinghad in relazzjoni mal-provvediment tal-Art. (9)(1)(g) tal-Kap. 415 li jipprovdi ghall-eccezzjoni ghad-dritt tal-awtur f'kaz meta:

"*(g) It-twettiq, daqq jew wiri ta' xoghol f'post fejn ma jithallas ebda dritt ta' dhul ghal dan l-att minn xi club li l-iskop tieghu ma jkunx li jaghmel qliegh.*"

– Ghalkemm jidher illi kien hemm hsieb li x-xoghol isir fil-pubbliku l-ewwel darba mill-Istitut intimat, siltiet mill-imsemmi oratorju diga' inqraw f'serata ohra miftuha ghall-pubbliku li saret mill-Istitut stess fid-19 ta' Novembru 2011. Ukoll fis-serata mahsuba ukoll ser jigu esegwiti biss siltiet mill-oratorju de quo.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka contrario imperio, id-digriet taghha tal-25 ta'

Jannar 2012 u tichad it-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------